MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 333/2005

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Godwin Calleja talli:

1) Nhar l-20 ta' Frar 2003, ghall-habta tat-2.45 ta' wara nofsinhar, fi Triq San Pawl Hal-Luqa, permezz tal-vann Toyota Daina ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura tal-ghamla Mazda, mudell 121, li ghandha numru tar-registrazzjoni LAL-587, liema hsara teccedi l-Lm500 ghad-dannu ta' Stephen Casha u persuni ohra minn Hal-Luqa;
2) Fl-istess cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku;
3) Fl-istess cirkostanzi, qal kliem oxxen, indecenti u dagha;
4) Fl-istess data, hin u lok, hedded u nsolenta lil Stephen Casha;
5) L-istess data, hin u lok saq il-van ta' l-ghamla Toyota mudell Daina numru JAR-326 b'manjiera perikoluza.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' kundanna, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9, tissospendi l-licenzja ta' l-imsemmi Godwin Calleja u tordna li jhallas l-ispejjez ta' l-esperti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Novembru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Godwin Calleja hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta' l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjoniiet dedotti kontra tieghu, b'dan li kwantu ghall-ewwel imputazzjoni huwa agixxa taht provokazzjoni ngusta, u kkundannatu jhallas multa ta' tliet mija u seba' w sittin liri Maltin (Lm367) fiz-zmien moghti mil-ligi u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal tliet (3) xhur; inoltre ordnat li jekk ma tithallasx il-multa jew parti minnha, din tkun konvertita f'habs b'jum prigunerija ghal kull hames liri mhux imhallsin; u ordnat ukoll lill-istess Godwin Calleja li ma jimmolestax lil Stephen Casha ghal zmien sena mid-data ta' dik is-sentenza, u dan taht piena ta' Lm100 (mitt liri Maltin) jekk din il-kundizzjoni tinkiser;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Godwin Calleja pprezentat fit-23 ta' Novembru 2005 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti li filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn illiberat lill-appellant mill-imputazzjoni li qal kliem oxxen, tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah mill-imputazzjonijiet l-ohra inkluz is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal tliet xhur u tnehhi l-ordni mposta lill-appellant li ma jimmolestax lill-kwerelant Stephen Casha taht piena ta' Lm100 kif indikata fis-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) dwar l-ewwel imputazzjoni, huwa nieqes l-element ta' volontarjeta`, (2) dwar ir-raba' imputazzjoni ma kien hemm

l-ebda theddid min-naha ta’ l-appellant fil-konfront tal-kwerelant, u (3) il-hames imputazzjoni ma tirrizultax la darba l-appellant kien qieghed jahrab biex jiddefendi ruhu.

Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u**

**jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-ewwel, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet u frankament ma ssib xejn x'ticcensura fil-mod kif ikkonkludiet l-ewwel Qorti.

Difatti, kwantu ghall-ewwel u l-hames imputazzjonijiet, huwa sufficjenti li wiehed jikkonsidra x-xiehda ta' Noel Debono, xhud imparzjali li ra l-incidenti bejn l-appellant u Stephen Casha u l-mod kif l-appellant dahal darbtejn fil-karrozza ta' Stephen Casha b'manuvri ta' riversjar b'certu sahha. Minn kif spjega dawn l-incidenti Noel Debono, jidher li l-manuvrar li ghamel l-appellant ma kienx sabiex jahrab minn fuq il-post peress li kieku kien hekk seta' baqa' niezel 'l isfel u mhux jirriversja. U aktar, kieku ried jahrab minn fuq il-post, l-appellant ma kienx wara l-imsemmi manuvrar, jinzel mill-van b'hadida. U anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument biss, l-appellant kellu triqtu ostakolata mill-karrozza ta' Stephen Casha, kieku <u>verament</u> ried jahrab minn fuq il-post kien jipprova jirriversja 'l fuq biex jitbieghed mill-imsemmi Casha. Il-fatti juru li l-appellant irreagixxa ghal dik li l-ewwel Qorti sejhet il-provokazzjoni ingusta ta' Stephen Casha meta ta daqqa ta' ponn lill-appellant u l-hsara li huwa kkawza fil-karrozza ta' Stephen Casha kienet hsara kawzata minnu volontarjament. Il-mod imbaghad kif Noel Debono jiddeskrivi l-imsemmi manuvrar – *"Is-Sur Casha kien quddiem il-karrozza, ghax warrab ghax kien jolqtu, tela' fuq il-bankina…."* - ghandu wkoll jitqies bhala sewqan perikoluz. U, kif tajjeb irriteniet ukoll l-ewwel Qorti, din il-hames imputazzjoni hi assorbita fl-ewwel wahda.

Kwantu ghar-raba' imputazzjoni, din tirrigwarda kemm theddid kif ukoll ingurji bi ksur ta' l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali. Issa fl-istqarrija tieghu stess l-appellant jammetti li ngurja lil Stephen Casha meta jghid: *"Niftakar li*

*bdejna nitghajjru u noffendu lil xulxin"*. Kwantu ghat-theddid imbaghad hemm ix-xiehda ta' Stephen Casha li qal li *"nqala' hafna paroli, saq il-van b'lura, qalli 'jiena mignun intajrek' u beda jsuq il-van b'lura"*, xiehda din li l-ewwel Qorti, li kellha l-opportunita` li tara u tisma' x-xhieda kollha, l hija setghet ragjonevolment u legalment taccetta bhala veritjera fid-dawl ta' kif graw l-affarijiet.

Konsegwentement l-aggravji ta' l-appellant huma michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li l-perijodu ta' sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada, filwaqt li l-obbligazzjoni taht l-artikolu 383 *et seq.* tal-Kap. 9 jibda jiddekorri millum. U peress li l-obbligazzjoni bil-miktub ma saritx quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti tordna li l-appellant jobbliga ruhu bil-miktub skond il-formola annessa ma' din is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------